*SPOLL*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru : 31**
**Rikors Guramentat Numru : 765/2016/LSO**

**Dottor Michelle Tabone [K.I.numru 138371(M)] bhala Ekonomu ta' L-Eccellenza Tieghu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arcisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entijiet Ekklezjastici Djocesani kollha f' Malta, ghan-nom tal-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara**

**vs**

**Adrian Pillow [K.I. numru 796555(M)]**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Dottor Michelle Tabone [K.I.numru 138371(M)] bhala Ekonomu ta' l-Eccellenza Tieghu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arcisqof ta' Malta, Amministratur tal-Entijiet Ekklezjastici Djocesani kollha f' Malta, ghan-nom tal-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara datat 31 ta' Awwissu 2016 fejn bir-rispett u bil-gurament taghha ikkonfermat : -

Illi l-attrici *nomine* hija l-propretarja tal-Knisja Parrokkjali, *Parish House and Hall, Youth Centre,* u l-proprjetajiet numerati 71 sa 73 li jinsabu gewwa Capuchin's Street, kantuniera ma' Misrah Arcisqof Gonzi, Kalkara, li jokkupaw l-arja superficjali ta' circa hamest elef metri kwadri (5000mk) hekk kif jidher mill-formula ta' Registrazzjoni numru LR-A 1314/2008 (DOK KP1) u LR-A 0791/2005 (Dok KP2) u l-pjanta relevanti, annessa u mmarkata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta annessa bhala Dok KP3;

Ill ghal dawn l-ahhar gimghat, il-konvenut vjolentement, abbuzivament u klandestinament, fetah apertura hekk kif mmarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta annessa bhala Dok

KP3, acceda ghall-istess sit u li barra minn hekk illegalment rema' *bricks*, terrapin u materjal fl-arja immarkata bil-kulur roza fuq il-pjanta annessa bhala Dok KP3, formanti parti mill-proprjeta` tal-attrici *nomine* hawn fuq imsemmija u cioe` l-Knisja Parrokkjali, *Parish House and Hall, Youth Centre,* u l-proprjetajiet numerati 71 sa 73 li jinsabu gewwa Capuchin's Street, kantuniera ma' Misrah Arcisqof Gonzi, Kalkara, li jokkupaw l-arja superficjali ta' circa hamest elef metri kwadri (5000mk), kif ahjar jirrizulta mir-Rapport tal-Perit Ramon Gauci li kopja tieghu qed jigi anness u mmarkat bhala Dok RG;

Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll privileggjat skont il-ligi ghad-dannu ta' l-istess attrici *nomine*;

Illi *nonostante* illi l-konvenut gie interpellat, anke permezz ta' ittra interpellatorja datata 12 ta' Awwissu 2016 (*Vide* Dok API) sabiex jirreintegra u jipprestina kollox kif kien, qabel l-imsemmi spoll, pero' dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Illi l-attrici *nomine* taf personalment bil-fatti msemmija;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tilqa' t-talba ta' l-attrici *nomine* li qieghda hawn titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi il-konvenut ikkometta spoll ghad-dannu ta' l-attrici *nomine* meta vjolentement, abbuzivament u klandestinament, fetah apertura hekk kif

mmarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta annessa bhala Dok KP3, acceda ghall-istess sit u li barra minn hekk illegalment rema' *bricks*, terrapin u materjal fl-arja immarkata bil-kulur roza fuq il-pjanta annessa bhala Dok KP3, formanti parti mill-proprjeta' tal-attrici *nomine* imsemmija fl-ewwel premessa u cioe' mill-proprjetajiet konsistenti fil-Knisja Parrokkjali, *Parish House and Hall, Youth Centre,* u l-proprjetajiet numerati 71 sa 73 li jinsabu gewwa Capuchin's Street, kantuniera ma' Misrah Arcisqof Gonzi, Kalkara, li jokkupaw l-arja superficjali ta' circa hamest elef metri kwadri (5000mk);

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, jirreprestina l-fond immarkat bil-kulur ahmar fuq il-pjanta annessa bhala Dok KP3 u ghalhekk ibattal il-materjal mormi mill-konvenut fil-proprjeta` mmarkata bil-kulur roza fuq il-pjanta annessa (Dok KP3), formanti parti mill-proprjeta' tal-attrici *nomine* imsemmija fl-ewwel premessa u cioe` mill-proprjetatjiet konsistenti fil-Knisja Parrokkjali, *Parish House and Hall, Youth Centre,* u l-proprjetajiet numerati 71 sa 73 li jinsabu gewwa Capuchin's Street, kantuniera ma' Misrah Arcisqof Gonzi Kalkara, li jokkupaw l-arja superficjali ta' circa hamest elef metri kwadri (5000mk), u jaghlaq l-apertura illegalment miftuha, mmarkata fuq il-pjanta annessa (Dok KP3) bil-kulur blu u jirreprestina l-hajt originali u kif ukoll jizgombra mill-porzjoni ta' art immarkata bil-kulur roza jhalliha libera u batala favur l-attrici *nomine*;

3. Tordna u Tiddikjara illi, fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dak kollu ordnat bit-talba precedenti, fiz-zmien prefiss lilu, l-attrici *nomine* tkun awtorizzata li taghmel u twettaq ix-xoghlijiet necessarji, sabiex ghalhekk tbattal il-materjal mormi mill-konvenut fil-proprjeta' mmarkata bil-kulur roza fuq il-pjanta annessa (Dok KP3) formanti parti mill-proprjeta' tal-attrici *nomine* imsemmija fl-ewwel premessa u cioe' mill-proprjetatjiet konsistenti fil-Knisja Parrokkjali *Parish House and Hall, Youth Centre,* u l-proprjetajiet numerati 71 sa 73 li jinsabu gewwa Capuchin's Street, kantuniera ma' Misrah Arcisqof Gonzi Kalkara, li jokkupaw l-arja superficjali ta' circa hamest elef metri kwadri (5000mk), u taghlaq l-apertura illegalment miftuha, mmarkata fuq il-pjanta annessa (Dok KP3) bil-kulur blu u tirreprestina l-hajt originali, u cioe' tirreprestina kollox ghall-istat li kien fih is-sit qabel ma gie kommess l-ispoll min-naha tal-konvenut u dan a spejjez ta' l-istess konvenut u taht is-sorveljanza ta' Perit Arkitett li jigi nominat ghal dan il-ghan.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 12 ta' Awwissu 2016 (Dok AP 1), u bir-rizerva tal-attrici *nomine* ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lilha kontra l-konvenut skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Lara Cassar ghall-attrici. Il-

kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret Dr Lara Cassar. Billi rrizulta li l-intimat huwa notifikat, izda baqa' ma pprezentax risposta guramentata, il-Qorti iddikjaratu kontumaci. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tar-rikorrenti ghas-27 ta' April 2017; u l-verbal tas-seduta tal-Hamis, 27 ta' April 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Lara Cassar ghall-attur. Xehdu bil-gurament taghhom Raymond Bonnici u l-Perit Ramon Gauci, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Cassar iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi.
Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2017 fid-9:30a.m., b'dan li l-intimat inghata zmien 21 gurnata biex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijet tieghu bin-notifika/*visto* tad-difensur tal-kontro-parti, li inghata 15-il jum biex twiegeb.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ta' spoll fejn ir-rikorrenti *nomine* qed tallega li konsegwenza ta' agir spoljattiv tal-intimat, infethet apertura sabiex acceda ghas-sit in kwistjoni, u tefa' bricks, terrapin u materjal iehor fil-proprjeta` appertenenti lir-rikorrenti *nomine*.

Illi l-intimat naqas li jipprezenta r-risposta entro t-terminu stabbilit ghalhekk, huwa konumaci skont il-Ligi.

**Fatti:**

Jirrizulta li r-rikorrenti *nomine* hi proprjetarja tal-Knisja Parrokjali Kalkara kif ukoll tal-proprjetajiet numerati 71 u 73 li jinsabu gewwa Capuchin Street, kantuniera ma' Misrah Arcisqof Gonzi Kalkara. Dan jidher mill-formoli ta' registrazzjoni esebiti Dok KP1 u KP2, u l-pjanta annessa bhala Dok KP3. Mir-ritratti esebiti mar-rikors promotur, jidher li hemm fetha fil-*boundary wall*, u li twaddab materjal ta' kostruzzjoni fis-sit in kwistjoni.Jirrizulta li r-rikorrenti *nomine* interpellat lill-intimat permezz ta' ittra interpellatorja datata 12 ta' Awwissu 2016, esebita a fol 16 biex jirripristina kollox fl-istat li kien qabel, izda peress li baqa' inadempjenti, gie pprezentat il-kaz odjern.

**Provi:**

**Raymond Bonnici** xehed (fol 43-44)[1] fejn qal li hu Property Manager tal-Kurja, u indika fuq il-pjanta esebita a fol 8 tal-process, li l-parti bl-ahmar hi proprjeta tal-Knisja tal-Kalkara. Spjega li l-parti indikata bil-blu fuq l-istess pjanta, hi fejn saret it-ticrita fil-hajt mill-intimat, sabiex intefa' l-materjal fil-parti indikata bir-roza. Semma li l-intimat stess talab il-kunsens biex jidhol fil-proprjeta` tar-rikorrenti *nomine* sabiex ikun jista' jahdem fuq il-proprjeta` tieghu fuq wara. Izda, qal, li kien intqal lill-intimat li biex it-talba tieghu tigi kkonsidrata, jrid jaghlaq il-hajt u jnehhi l-materjal ta' kostruzzjoni li kien tefa', izda baqa' ma ghamel xejn minn dan. Semma li meta tkellem ma' l-intimat ma

[1] Seduta tas-27 ta' Marzu 2017.

cahadx li kien hu li waddab il-materjal fil-proprjeta` tar-rikorrenti *nomine*. Qal ukoll, li s-sitwazzjoni sal-lum ghadha hekk kif jidher fir-ritratti esebiti.

**Ramon Gauci** xehed (fol 45-46)[2] u qal li hu *Project Manager* tal-Kurja. Hu indika li l-parti mmarkata bl-ahmar fil-pjanta a fol 8 hi proprjeta` tal-Knisja. Hu kkonferma bil-gurament ir-relazzjoni esebita a fol 9 li hija relazzjoni tieghu. Spjega li hu mar fuq is-sit, u ra li saret apertura fil-*boundary wall*, u kien intefa hafna materjal ta' kostruzzjoni fejn hu indikat bir-roza fil-pjanta a fol 8, li jigi ezatt wara l-Knisja tal-Kalkara, u kkonferma li r-ritratti esebiti, hadhom hu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' dritt:</u>**

Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ta' spoll *ai termini* tal-**artikolu 535 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi skont l-istess artikolu, u a bazi ta' gurisprudenza kostanti huwa risaput li l-element vitali ta' din l-azzjoni li l-attur jehtieglu jipprova huma s-segwenti.

(i) *Possedisse*

(ii) *Spoliatum fuisse*

(iii) *Infra bimestre deduxisse*

[2] Seduta tas-27 ta' Marzu 2017.

Illi dawn il-principji gew ribaditi f'diversi sentenzi fosthom **"Margherita Fenech vs Pawlu Zammit"** (12-4-1958, Vol.XLII D.11.973); **"Caterina armla Galea vs Joseph Vella"** (23-6-1965 per Onor. Eduardo Magri) u f' **"Joseph Vella pro et noe vs Salvu Micallef"** (30-4-1991 JSP).

Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza kostanti jirrizulta li *"materja ta' din l-azzjoni, ma taghtix lok ghall-ebda indagini ohra barra dik li tistabbilixxi: (a) il-fatt tal-pussess/detenzjoni u (b) il-fatt tal-ispoll……… stante li din l-indagini hija wahda limitatissima rigoruza u skarna."* (**"Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"** - A.C. 9 ta' Marzu 1992). F'dan l-istess kaz, intqal ukoll li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll mhux mehtieg xi *animus spoliandi*.

Illi ghalhekk fil-fatt inghad illi "*din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekkbiss, kif ighid bl-iktar mod car l-artikolu 791(1) Kap 12, li sfortunatament jigi hafna drabi injorat."*

Illi f'dan il-kuntest il-pussess mehtieg huwa dak materjali u "de facto" tant li gie ritenut ukoll li:

*"Hu maghruf illi l-pussess mehtieg hu dak materjali u 'de facto'; ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta` jew ta' servitu` fuq il-haga li minnha huwa*

*gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi, hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni." (***"**Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant Fournier" –** (A.C. 12 ta' Dicembru 1952) ghalkemm tali pussess m'ghandux ikun inekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt **"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna"** – (P.A. 21 ta' Frar 1983) u **"Marthese Borg vs George Borg"** – (25 ta' Frar 1983), u mhux wiehed ta' mera tolleranza **"Joseph Vella Gatt *nomine* vs Joseph Camilleri" –** A.C. 26 ta' Jannar 1996). Jinsab ukoll ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li "*All attore in reintegrazione e sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione.."* (**Camilleri vs Agius** P.A. 20 ta' Ottubru 1882).

Illi fil-fatt, kull pussess huwa ammess, benche` ippruvat huwa protett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll. (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg"** P.A. 31 ta' Marzu 1952).

Illi gie ritenut fil-kaz **"Delia vs Schembri"**, P.A. – 4 ta' Frar 1958,

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess ikun x'ikun….. u gie deciz kemm-il darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet reali u hija inerenti*

*ghall-fatt ta' min b'awtorita` privata ikun ghamel ghad-dannu ta' terza persuna atti li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti."* (Ara wkoll **"Francis Grogan et vs Shawn Scerri et"**, P.A. deciza fit-2 ta' Dicembru 2004).

F'dan l-istess kaz, **Grogan et vs Scerri et,** inghad ukoll, li biex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll lanqas ma hu mehtieg li l-pussessur ikun privat mit-tgawdija tal-haga jew ostakolat b'mod determinant fl-uzu tal-haga; hu bizzejjed li jkun imfixkel fil-mod ta' kif igawdi dik il-haga. Issemma per ezempju, l-istallazzjoni ta' *air condition unit* li jisporgi fuq sqaq komuni fil-kaz **"Ripard et vs Fenech noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 gie meqjus bhala att spoljattiv li kien jimmerita r-rimedju permezz ta' din l-azzjoni.

Dan l-istess principju gie enuncjat fil-kaz **"Mag. Peter Cordina vs Raymond Aquilina,** Appell Kummercjali deciz 12 ta' Dicembru 1988:

*"….sabiex tirnexxi l-azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll."*

Illi jrid jigi ppruvat ukoll l-ispoll innifsu li jikkonsisti fis-segwenti kif deskritt fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta` tal-ispoljat; u l-att jkun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra l-volonta` tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att."*

Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll. Ghalhekk, l-att spoljattiv irid ikun sar kontra l-kunsens tal-possessur. (Ara **"John Mifsud vs John Giordmaina et",** P.A. deciza fit-23 ta' April 2012).

Fir-rigward tal-element ta' '*spoliatum fuisse'*, gie ritenut ukoll li l-element spoljattiv mhux bilfors jissarraf f'ghemil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur, izda huwa bizzejjed li l-ghemil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu jew minghajr ma jithalla jintebah bih. (**Francis Tonna et vs Constantino Borg** P.A. - deciza fl-1 ta' April 2003).

Hawnhekk, huwa relevanti l-kliem ta' **Pacifici Mazzoni**, spoll vjolenti huwa "*qualunque atto arbitrio che per forza private si compia contro la volontarieta` dello spogliato*." (Vol.III Sez. 52). **"Emanuel Falzon et vs Michael Vella et"**, P.A. deciz fl-10 ta' Ottubru 2011.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-element tal-pussess jissusisti peress li gew esebiti Dok

KP1 u Dok KP2, il-formoli ta' registrazzjoni, u l-pjanta relevanti Dok KP3, li juru li l-art in kwistjoni bl-arja superficjali ta' hamest elef metri kwadri (5000mk) hi okkupata mill-Knisja Parrokjali tal-Kalkara.

Jirrizulta wkoll, mir-ritratti esebiti mar-rikors promotur, li nfethet fetha fil-*boundary wall*, li jaghti ghall-proprjeta` tar-rikorrenti, fejn minn hemm jirrizulta li ntefa' materjal ta' kostruzzjoni fil-proprjeta` tar-rikorrenti *nomine*, liema sit jinsab wara l-Knisja tal-Kalkara. Illi meta xehed Raymond Bonnici, hu kkonferma li l-intimat kien talab il-kunsens biex ikun jista' jidhol fil-proprjeta` tar-rikorrenti *nomine*. Raymond Bonnici xehed ukoll, li dan il-kunsens ma kienx inghata peress li l-intimat kien gie nfurmat sabiex jaghlaq il-hajt li kien fetah u jnehhi l-materjal li kien twaddab. L-istess xhud Raymond Bonnici kkonferma li t-talba tal-intimat biex ikun jista' jghaddi bl-ingenji minn fuq il-proprjeta` tar-rikorrenti *nomine*, ma kinitx ser tigi ikkunsidrata peress li l-intimat baqa' inadempjenti u la ghalaq il-fetha u lanqas nehha l-materjal ta' kostruzzjoni. Illi Raymond Bonnici semma li fil-kliem mal-intimat, l-intimat qatt ma cahad li kien hu li fetah il-fetha fil-hajt u li waddab il-materjal fil-proprjeta` tar-rikorrenti *nomine*.

Fir-rigward tal-ahhar rekwizit, u cioe` li l-kawza trid tkun saret fi zmien xahrejn mid-data tal-ispoll, jirrizulta li dan huwa wkoll sodisfatt mill-provi u xhieda esebita.

Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija konkordi fuq il-punt li t-terminu ma jibdiex jiddekorri mid-*die scientiae* imma mid-

data meta l-attur ikun gie fizikament spoljat mill-pussess tieghu (Ara **Av. Dr. Frank Xavier Vassallo et vs Joseph Baldacchino et,** App Civ. Deciz fl-4 ta' Dicembru 1998).

Illi gie sostnut fir-rikors promotur, li l-ispoll gie kommess fl-ahhar gimghat qabel l-intavolar tal-kaz odjern. Jirrizulta, li l-kaz in ezami, gie istitwit fil-31 ta' Awwissu 2016. Difatti, il-Perit Ramon Gauci pprezenta rapport dwar l-att spoljattiv, esebit Dok RG (fol 9-11) liema rapport huwa datat 2 ta' Awwissu 2016. Ir-ritratti annessi mal-istess rapport, li l-Perit Gauci kkonferma li hadhom hu, esebiti a fol 12 sa 15, huma datati 2 ta' Awwissu 2016. Inoltre, l-intimat gie nterpellat permezz ta' ittra interpellatorja esebita a fol 16, sabiex l-intimat jerga' jirripristina kollox fl-istat li kien qabel. Ghaldaqstant, jirrizulta, li r-rikorrenti *nomine* agixxa mill-ewwel, billi thejja r-rapport mill-Perit Gauci, bl-ittra legali, u bil-kaz in ezami, li kollha saru fl-istess xahar ta' Awwissu 2016.

Illi jirrizulta li l-intimat Adrian Pillow huwa kontumaci skont il-ligi. Inoltre`, naqas milli jipprezenta s-sottomissjonijiet bil-miktub, wara li gew moghtija din il-fakolta` permezz tal-verbal tas-27 ta' April 2017.

Jigi ritenut, li l-kontumacja hija fiha nnifisha mhijiex ammissjoni izda ghandha tigi interpretata bhala oppozizzjoni hekk kif ritenut fil-gurisprudenza.

*"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* **("Charles Saliba s Salvu Borg" -** Appell 27-6-1997) u "*skont kif dejjem gie riferut minn dawn il-Qrati l-kontumacja*

*ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss illi huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti*." (**"Ruth Apap vs Noel Apap"** – PA. FDP 30-6-1995, u **Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe.** PA AF 15-1-2014).

Ghalhekk, jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova t-talba tieghu hi gustifikata fil-fatt u fid-dritt. Jigi osservat, li r-rikorrent esebixxa kopji tar-registrazzjoni tal-art in kwistjoni, li juru li r-rikorrenti *nomine* kienet qed tokkupa l-art in kwistjoni. Mir-rizultanzi tax-xhieda, jidher ukoll, li l-att spoljattiv twettaq mill-intimat, minghajr kunsens tar-rikorrenti *nomine*, u ghalkemm interpellat permezz ta' ittra ufficjali baqa' inadempjenti. Jirrizulta wkoll, li l-kaz odjern gie ntavolat entro t-terminu stabbilit mil-ligi.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li jikkonkorru t-tlett elementi kostituttivi ta' din l-azzjoni li timmerita li tigi akkolta.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi illi il-konvenut ikkometta spoll ghad-dannu ta' l-attrici *nomine* meta vjolentement, abbuzivament u klandestinament, fetah apertura hekk kif mmarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta annessa bhala Dok KP3, acceda ghall-istess sit u li barra

minn hekk illegalment rema' *bricks*, terrapin u materjal fl-arja immarkata bil-kulur roza fuq il-pjanta annessa bhala Dok KP3, formanti parti mill-proprjeta' tal-attrici *nomine* imsemmija fl-ewwel premessa u cioe' mill-proprjetatjiet konsistenti fil-Knisja Parrokkjali, *Parish House and Hall, Youth Centre,* u l-proprjetajiet numerati 71 sa 73 li jinsabu gewwa Capuchin's Street, kantuniera ma' Misrah Arcisqof Gonzi, Kalkara, li jokkupaw l-arja superficjali ta' circa hamest elef metri kwadri (5000mk);

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut sabiex, fi zmien perentorju ta' hmistax-il jum millum jirripristina l-fond immarkat bil-kulur ahmar fuq il-pjanta annessa bhala Dok KP3 u ghalhekk jbattal il-materjal imsemmi mormi fil-proprjeta` imsemmija, mertu ta' din il-vertenza , u cioe` mill-proprjetatjiet konsistenti fil-Knisja Parrokkjali, *Parish House and Hall, Youth Centre,* u l-proprjetajiet numerati 71 sa 73 li jinsabu gewwa Capuchin's Street, kantuniera ma' Misrah Arcisqof Gonzi Kalkara, li jokkupaw l-arja superficjali ta' circa hamest elef metri kwadri (5000mk), u jaghlaq l-apertura illegalment miftuha, mmarkata fuq il-pjanta annessa mar-rikors promotur (Dok KP3) bil-kulur blu u jirripristina l-hajt originali, kif ukoll jizgombra mill-porzjoni ta' art mmarkata bil-kulur roza u jhalliha libera u battala favur l-attrici *nomine*;.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tawtorizza lir-rikorrenti *nomine* taghmel ix-xoghlijiet kollha hekk ordnati jekk l-intimat jonqos li jottempera ruhu mal-istess ordnijiet fit-terminu moghti, u dan kollu a spejjez tal-istess intimat taht is-

sorveljanza tal-Perit Arkitett Godwin Abela li qed jigi hawn mahtur ghal dan l-iskop.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2017**